**KUNSILL LOKALI IR-RABAT (KLR)**

**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU TNEJN U DISGĦIN (92)**

**It-Tlieta, 19 ta' Frar 2019 fis-7.00 pm** Data u ħin

**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Is-Sra Romina Perici Ferrante | Accountant |

******* Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Charles Azzopardi.

**92.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.**

Qari tal-ittri ta' apoloġija

Inqraw l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Stephen Borg u s-Sur Andrew Mallia biex ikunu skużati min din il-laqgħa u dawn kienu aċċettati u kienu skużati b'vot unanimu.

**92.15 L-approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2019.**

Estimi Finanzjarji 2019.

92.15 Kienet imressqa mozzjoni ta' tibdil ta' xogħol tal-kamra mis-Sindku sabiex item 92.15 ikun trattat qabel item 92.02 biex l-Accountant ma toqgħodx tistenna sal-aħħar ħalli jkun eżawrit l-item tal-Estimi Finanzjarji 2019. Din kienet issekondata minn Doris Coleiro u kien hemm qbil unanimu. L-Accountant daħlet punt punt fuq kull vot tal-estimu tas-sena 2019. Dawn kienu mressqa għall-vot mis-Sindku u kienu ssekondati mis-Sur Nazju Cassar u kien hemm qbil unanimu dwar il-Budget 2019. Għaldaqstant dawn kienu approvati.

**92.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti - Seduti Numri 90 u 91.**

Minuti 90 u 91

Kienu kkunsidrati u approvati b'vot unanimu l-minuti tas-seduti numru 90 u 91 kif proposti minn mis-Sindku u ssekondati mill-Viċi Sindku.

**92.03 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija tas-seduti numri 52.**

Minuti 52 tal-Kumitat Amministsrattiv tal-Baħrija

Kienu kkunsidrati u approvati b'vot unanimu l-minuti tas-seduta 52 tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija kif proposti minn mis-Sindku u ssekondati mis-Sur Rudolf Grima.

**92.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Komunikazzjoni mis-Sindku

Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku.

**92.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri

**92.05.01** Is-Sur Nazju Cassar qal illi kellu kollużjoni bil-vettura tiegħu waqt li kien fuq xogħol tal-Kunsill miftiehem ma' kuntrattur biex jieħdu jara xogħlijiet fi Triq Tabija fir-Rabat. Is-Sindku talab lis-Sur Cassar sabiex jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub. Hawn issemma' inċident simili li seħħ fl-2003 filwaqt li s-Sindku ppropona li s-Sur Cassar ikun rifondut mill-KLR. Kien issekondat mis-Sur Ian Vassallo. Ittieħed il-vot u dan kien unanimu favur li jitħallsu l-ispejjeż. Is-Sur Cassar astjena.

Inċident b'vettura ta' kunsillier

**92.05.02** Kienet diskussa s-sigurta' fis-sewqan fi Triq Tabija propju fejn seħħ l-inċident fuq imsemmi wara li vettura kienet involuta f'kollużjoni fejn qalbet il-parapett ta' residenta. Dwar dan inqrat nota li talab li tiġi moqrija l-kunsillier li kien assenti b'apoloġija, is-Sur Andrew Mallia fejn qal illi f'din it-triq se jsir investiment mill-Gvern Ċentrali peress li jirriżulta li fl-istess post hemm problema ta' għargħar. Is-Sur Cassar qal illi din it-triq peress li saret ftit tax-xhur ilu mill-Gvern Ċentrali għad hemm garanzija tal-kuntrattur. Kien hemm diversi proposti fosthom li jitwaħħlu *bollards* biex jiggwidaw it-traffiku, madankollu l-KLR se jitlob lil TM sabiex jagħmlu *Traffic Calming Measures* filwaqt li is-Sur Cassar qal illi se jressaq PQ biex issir *speed camera*.

Sigurta' fi Triq it-Tabija

**92.05.03** Kienet diskussa d-diffikulta tal-ilma tax-xita fi Triq il-Kulleġġ, kantuniera ma' Triq il-Konti Ruġġieru. Il-KLR se jieħu parir tekniku biex naraw jekk tinstabx soluzzjoni b'sempliċiment ftit patching dwar l-ilma tax-xita li qed jinġema' anke saħansitra fi Triq Sant' Antnin inkluż l-isqaq ġo fiha.

Ilma tax-xita fi Triq il-Kulleġġ u l-inħawi

**92.05.14** Is-Sur Cassar staqsa jekk il-KLR jafx formalment illi l-Gvern Ċentrali hux se jasfalta Triq ta' Koronja u Triq in-Nigret għaliex sema' lil resident jgħid hekk fil-pubbliku. Is-SE qal li ma jafx bihom u se nitolbu lil *Transport Malta* jagħtuna *feedback* dwar dan.

Toroq ġodda mill-Gvern Ċentrali

**92.05.15** Kunsillier staqsa dwar ix-xogħol maħsub li jsir fuq il-pavimentar fi Triq il-Kbira. Is-SE qal illi qed nistennew illi jagħtina stima l-perit għal dawn ix-xogħlijiet għaliex il-kuntrattur *Elle's Construction Ltd* m'għandux l-*item* fit-tender biex ipoġġi l-*lava* u għaldaqstant trid toħroġ offerta pubblika ġdida għaliex ix-xogħol hu maħsub li jaqbeż il-€5,000. Minkejja li s-Sur Rudolf Grima qal illi meta kienet saret din il-bankina t-toqob tal-festa baqgħu l-istess, hu maħsub illi niltaqgħu ma' tal-festi . Is-Sur Peter Paul Azzopardi qal illi jaqbel illi din il-laqgħa ssir hekk kif ikollna d-diżinn f'idejna.

Pavimentar ta' Triq il-Kbira

**92.06** **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 289.** Skeda tal-pagamenti 289

Is-Sindku ppropona li tkun approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 289, is-Sur Rudolph Grima ssekonda u din kienet approvata b'vot unanimu.

**92.07** **Biex jinħatru l-membri tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-offerta pubblika RLC/T/0176/2019 - Upgrading (including resurfacing) of farm access roads in Rabat, Malta, Under Measure 4,3 of the European Agricultural Fund for Rural Development (2)** Ħatra ta' membri tal-Bord ta' Evalwazzjoni.

Kien appuntati dawn is-Sinjuri. Is-Sur Kenneth Brincat bħala Chairperson, u s-Sur Paul Bugeja, Dr Mark Fenech Vella u l-Perit Daniel Cordina (tekniku) bħala membri ta' dan il-Kumitat.

**92.08** **Biex ikun estiż il-kuntratt RLC/T/0161/17 – Provediment ta' Servizz għat-Tindif u Żamma ta' latrini pubbliċi fir-Rabat b'Miżuri li jħarsu l-Ambjent ta' Triq Bir Iljun, Triq Santa Rita u Triq il-Kulleġġ mill-4.12.18 sa 3.12.19 (Progressive Solutions)** Tiġdid ta' kuntratt tal-latrini pubbliċi

Ma kienx hemm deċiżjoni dwar din il-materja u se jitla' s-suġġett fil-laqgħa li jmiss. Dan għaliex intqal illi mingħajr *attendant* se jkun hemm il-vandaliżmu speċjalment fuq dik li qed isir ix-xogħol fuqha fi Triq Santa Rita, minkejja li hu maħsub li jkun hemm cctv.

**92.09** **Biex ikun estiż il-kuntratt RLC/T/0155/16 Knis Manwali, Tbattil u Tindif ta' Laned taż-Żibel, Doggy Bins u Ashtrays bl-Użu ta' materjal li ma jagħmilx ħsara lill-Ambjent. (Premier Business Ltd)** Tiġdid tal-kuntratt tal-Knis

Dan l-item tħalla għal-laqgħa li jmiss.

**92.10** **Performance Appraisals tal-Eks Impjegati li ħadmu parti mis-sena 2018** Performance Appraisal

Is-Sindku ippropona li jingħata l-massimu tal-*performance bonus*, jiġifieri 6% lil Janice Dingli u lil Victoria Privitera skont l-*Appraisal Report pro-rata* fuq kemm ħadmu fis-sena 2018. Din kienet issekondata mis-Sur Nazju Cassar u approvata unanimament skont kif rakkomandat.

**92.11** **L-approvazzjoni tal-permessi tal-posti tal-kabbani tal-festa ta' San Ġużepp u l-permessi tal-Imwejjed u s-siġġijiet.**

Permessi tal-Festa ta' San Ġużepp.

Is-Sindku ressaq il-lista proposta skont kif kienet dik tas-sena l-oħra u s-Sur Nazju Cassar issekondaha. Il-vot kien unanimu u l-permessi se jinqatgħu bħal dawk maħruġa s-sena l-oħra.

**92.12** **Permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet quddiem l-istabbiliment 41, Triq il-Kbira.**

Permessi tal-Imwejjed u s-siġġijiet fi Triq il-Kbira.

Is-Sindku ppropona u s-Sur Rudolf Grima ssekonda. Il-Kunsill ikkonċeda li jingħataw il-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet fuq daqs parkeġġ ta' vettura waħda nhar is-16, 17, 18 u d-19 ta' Marzu u fit-18, 20, u 21 t'April.

**92.13** **Proposti laqgħat għar-Raħħala, Bdiewa, min irabbi n-naħal, poplu inġenerali, organizzazzjonijiet turistiċi u dwar Green Cities ma' Managers tal-Banek u NGO's, Clubs, Organizzazzjonijiet u Amministraturi tal-Knejjes fir-Rabat**

Laqgħat ma' diversi entitatjiet

Il-KLR unanimament laqa' l-istedina ta' *Green Isles* biex ikunu organizzati laqgħat fil-Bini Muniċipali għal dawn is-setturi kollha biex titqajjem aktar kuxjenza dwar kunċetti ġodda ta' tkabbir ta' prodotti b'mod sostenibbli.

**92.14** **Kunċert propost mill-Visual and Non Visual Network bl-involviment tal-KLR fil-Katidral tal-Imdina fl-14 t'April 2019.**

Kunċert mill-Visual and Non Visual Network

Il-KLR laqa' l-istedina b'mod unanimu tal-*Visual and Non Visual Network* biex ikun parteċipi f'dan il-kunċert. Kien hemm mistoqsija għaliex dan se jsir fil-Katidral tal-Imdina u mhux ir-Rabat. Dwar dan se naraw illi fil-futur niddiskutu magħhom biex nevitaw kunflitti ma' lokalitajiet ġirien. Dan se jsir propju f'Ħadd il-Palm filwaqt li s-Sindku qal illi ipprova jgħin lil dawn il-persuni saħansitra fuq livell personali bil-għan li jkun aċċettat mis-*Central Bank* li jsiru tpenġijiet fuq bolol ġodda

**92.16** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Tmiem

Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar is-26 ta' Marzu 2019, fis-7.00pm u din il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

Aġġornament

**91.3** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** Tmiem

Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar is-26 ta' Marzu 2019, fis-7.00pm u din il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm. Aġġornament

| | | |
|---|---|---|
| | **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula minn | Anthony Bonello u approvati llum 26/3/19 minn | Charles Azzopardi |
| | Segretarju Eżekuttiv | Sindku |